**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il- Pulizija**
**(Spettur Kevin Pulis)**
**(Spettur Carol Fabri)**

**-vs-**

**Omissis 1**

**Omissis 2**

**Omissis 3**

**Gary Mifsud detentur tal-karta tal-identita 110285(M)**

Kumpilazzjoni Nru. 178/2013

Illum, 30 ta' Novembru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Omissis 1, Omissis 2 u Omissis 3 u l-imputat Gary Mifsud talli:

F'dawn il-Gżejjer matul ix-xahar ta' Frar, 2013, u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda:

1. fit-22 ta' Frar, 2013, u/jew fil-ġimgħat ta' qabel, bejn is-19:30 hrs u 00:00hrs, ġewwa dawn il-gżejjer ikkommettew serq ta' *cables* u oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-ħin u bil-valur, liema valur jammonta iktar minn elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), għad-dannu tal-Elbros Construction Limited;

2. fl-istess data u/jew fil-ġimgħat ta' qabel, f'dawn il-gżejjer xjentement laqaw għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa jew meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahhlu biex ibiegħawhom jew imexxuhom;

3. fl-istess data ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ikkaġunaw xi ħsara jew ħassru jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor u cioe` għamlu ħsara fil-*cables*, liema ħsara tiskorri l-elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) għad-dannu tal-Elbros Construction Limited;

4. irrendew ruħom riċedivi ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li nstabu ħatja b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

Kif ukoll fil-konfront ta' Omissis 1 u Omissis 3 u Gary Mifsud wahidhom talli:

fit-22 ta' Frar, 2013, għall-ħabta ta' 23:15hrs ta' filgħaxija,[1] bil-ħsieb li jagħmlu delitt, u cioe' delitt ta' serq aggravat ta' *cables* u affarijiet oħra, minn ġewwa *plant* tal-kumpanija Elbros Construction Limites, ġewwa Ħal-Kirkop, taw bidu għall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta taghhom u li kieku dan id-delitt ġie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-ħin u bil-valur, li jeċċedi aktar minn elfejn tlett mija u disa' u għoxrin Euro u sebgha' u tletin ċenteżmu (€2329.37), għad-dannu tal-Elbros Construction Limited;

Kif ukoll fil-konfront ta' Omissis 3 wahdu talli kiser diversi kundizzjonijiet imposti fuqu mill-istess Onorabbli Qorti, meta nhar id-9 ta' Lulju, 2012, inghata sentenza ta' sentejn prigunerija sospiza ghal erba snin mill-Magistrat Dr. Claire-Louise Stafrace.[2]

Rat in-nota tal-Avukat Generali tat-13 ta' Frar, 2014,[3] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

(i) Fl-artikoli 261(c)(f), 267, 270, 279(b), 280(1), 281(a) u 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(ii) Fl-artikoli 41(1)(a), 261(c)(f), 267, 270, 279(b), 280(1) u 281(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(iii) Fl-artikoli 334 u 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(iv) Fl-artikoli 325(1)(a) u 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(v) Fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazjoni.

Ikkunsidrat-

Illi l-imputati Omissis 1, Omissis 2 u Omissis 3 irregistraw ammissjoni ta' htija u ghalhekk il-procediment odjern issokta fil-konfront tal-imputat wahdu.

---

[1] Korrezzjoni awtorizzata ai termini tal-verbal a fol.42
[2] L-akkuza tar-recidiva tal-imputat giet irtirata nhar it-22 ta' Jannar, 2014 – vide fol. 364
[3] Vide Nota ta' Rinviju Ghall-Gudizzju fol. 369

Illi l-imputat hu akkuzat primarjament b'akkuzi ta' serq u li huwa recidiv.

Illi **PC589 Etienne Grima** xehed kif flimkien ma PC842 kien inghata struzzjonijiet biex issir osservazzjoni fuq *Batching Plant* tal-Elbros, f'Hal Kirkop, faccata tal-SGS, minn fejn kienu qed jinsterqu cables u ramm. Kienu baqaw gol-vettura vicin l-SGS bid-dwal mitfijin u f'xi hin wara l-11pm lemhu persuna, li gharaf bhala l-imputat,[4] b'beritta fuq il-bankina tal-karreggata opposta. Dan kien gie min-naha tal-mini u baqa sejjer fid-direzzjoni tal-Elbros.[5] Minflok baqa ghaddej minn quddiem il-*gate* tal-Elbros, dan dahal fi triq li ma taghti ghall-imkien u li tigi fejn ir-*runway*. Hekk kif segwewh u dahhlu fit-trejqa lilu ma rawhx izjed, ghalhekk infurmaw lill-Ispettur li jew kien qabez ghal fuq ir-*runway* jew kien dahal gewwa ghand l-Elbros. Gara izda li kif resqu lura semghu hoss u **raw lill-imputat niezel minn fuq hajt** il-*boundary wall* li jifred dik it-triq minn mas-sit tal-Elbros.[6] Mistoqsi dwar x'kien qed jaghmel hemm l-imputat l-ewwel qal li mar jara l-ajruplani izda wara qal li kien mar iwassal l-gharusa u waqt li kien qed jistenniha mar mixja.[7] Minn tfittxija li saritlu instab mobile u cwievet ta' vettura FIAT.[8] Peress li kienu nstabu xi pajpijiet mghoddijin ghal got-triq kien ge deciz li flimkien mas-sid tal-Elbros jidhlu fil-plant u hemmhekk instab basket, zewg segi u xi ghodda ohra vicin pipe kbir tar-ramm.[9] Illi jirrizulta li kien thalla fixed point PC463 ma dawn l-oggetti[10] izda dan kien sab zewg minn nies ohra fil-plant li rrizultaw kienu Omissis 1 (Mario Zammit) u Omissis 3 (Ronald Azzopardi). Omissis 2 (Brian Fenech) gie arrestat minn tal-Mobile Unit aktar tard fil-vicinanzi tal-plant.

PC589 Grima in kontro-exami spjega li l-hajt jissupera l-gholi ta' bniedem u huwa kategoriku meta jikkonferma li **ra lill-imputat jaqbez minn fuq il-hajt**. Jghid li l-imputat kien ipparkja madwar hames minuti boghod. In ri-ezami jispjega kif meta dahhlu fit-trejqa ma ra lil hadd u bdew jaraw fejn seta' mar il-persuna li nltemhet diehla fit-trejqa li kienet taghlaq, u cioe` kienet *dead-end*. Kien irexxielu jitla' mal-hajt minn fuq xi blokki tal-konkos li kienu qrib il-hajt izda ma ra lil hadd peress li kien id-dlam. Kien biss xhin dan il-bniedem gie fil-haxix li regghu rawh u dan ma kien hadd ghajr l-imputat.[11]

<u>Il-Qorti tistqasi: jekk gie jara l-ajruplani ghaliex kellu ghalfejn jipparjka l-boghod? Jekk mar ghal passigjata ghalfejn dahal go trejqa u sahansitra **tela' ma hajt gholi aktar minn tul ta' bniedem**? Ghandu jinghad mill-ewwel li dawn l-spjegazzjonijiet li l-imputat ta lill-Pulizija a tempo vergine li certament huma inverosimili.</u>

Illi **PC842 Angelo Camilleri** xehed li kif kien ghassa faccata tal-impjant tal-Elbros ma PC589, ghal xi <u>11.15pm</u> raw persuna, li ddentifikaha bhala l-imputat, gejja

[4] Fol.46
[5] Fol.45
[6] Fol.47
[7] Fol.51
[8] Fol.52
[9] Fol.51
[10] Fol.49
[11] Fol.380

minn warajhom minn fuq in-naha l-ohra tat-triq liebes beritta tax-xemx. Dan qabizhom u baqaw josservaw jekk jibqax ghaddej minn quddiem il-grada tal-Elbros jew jibqa ghaddej lejn l-Imqabba jew jieqaf fuq il-*bus stop.* Gara izda li dan kiser ghal go trejqa zghira ta' madwar hamsin metru u dahal fiha.[12] Kif rawh li ma ghaddiex minn quddiem il-grada tal-Elbros marru jittawlu fit-triq izda ma raw lil hadd. Regghu lura u baqaw mistura wara sigra u f'hin minnhom **rah niezel minn mal-hajt u mar jigri mal-fence**. Meta kienu fit-trejqa kienu nnuttaw xi cables hoxnin li kienu fit-triq fuq barra. Il-kuntistabbli kien irrimarka mal-imputat li vicin ma kienx hemm djar fejn seta' wassal lit-tfajla kif kien allega l-imputat meta mistoqsi dwar x'kien qed jaghmel hemm.[13] In kontro-ezami PC842 Camilleri jerga' jiddeskrivi kif kien diga fuq il-post u **raw bniedem diehel go trejqa, li taghlaq u ma taghti ghal imkien**, li kienu ghassa taghha.[14] Raw bniedem niezel mall-hajt u gie gol-haxix. Kif qalulu biex johrog hareg l-imputat. In ri-ezami jikkonferma li **ra lill-imputat jaqbez mill-hajt tal-plant.**

Illi l-**Ispettur Kevin Pulis** xehed kif sid tal-Elbros Limited kien irraporta li kien qed ikun hemm sensiela ta' serqiet mill-*batching plant* li tappartjeni lill-kumpanija tieghu. Meta gie arrestat l-imputat kienu gew arrestati ukoll Ronald Azzopardi u Mario Zammit wara li nstabu mohbijin fil-plant. Kien hemm informazzjoni li persuna ohra kienet involuta u ghalhekk ta struzzjonijiet biex issir patrol fil-vicinanzi. Hdejn l-SGS gie intercettat Brian Fenech. L-ispettur kien ha l-istqarrija[15] tal-imputat fejn dan kien infurmah li hu kien mar biex jigbor lill-shabu u wara li gie kkonfrontat dwar diversi sms's li nstabu fuq il-mobile tieghu baqa' jinsisti li ma kienx jaf li shabu kienu marru hemmhekk biex jisirqu. Jghid li hu ntalab minn Azzopardi sabiex jigborohom minn hdejn l-SGS u peress li l-vettura ma kellhiex bizzejjed petrol kien ipparkja aktar il-fuq fit-triq. Jichad li qatt gabarhom drabi ohra mill-istess post. Jindika li kien ltaqa maghhom peress li haseb li kienu ser jabbuzaw minn xi droga fejn dak iz-zmien hu kien mahkum minn dan il-vizzju. L-Ispettur Kevin Pulis ukoll xehed in kontro-ezami u spjega kif PC589 kien kontinwament f'kuntatt telefoniku mieghu. Jghid li wasal fuq il-post xi 12.30am jew 1.00am meta l-imputat kien diga gie arrestat. Il-vettura tal-imputat kienet ipparkjata xi 5-6 minuti boghod, fejn ir-roundabout [li taghti ghal Mqabba u Z-Zurrieq]. L-Ufficjal Prosekutur ghadda biex esebixxa l-mobile tal-ghamla Nokia ta' kulur Silver bl-IM no. 356865/02/7620/26/5 u bin-numru **79963305** li kien instab fuq Gary Mifsud.[16]

Illi **Carmel Ellul**, direttur tal-Elbros, spjega kif kellhom *cable high voltage* li kien merfugh fil-plant u li kien jiswa madwar hamsa u ghoxrin elf (€25,000) ewro.[17] Fi Frar jew Marzu 2013 kien instab imqatta fl-art f'bicciet fejn tqaxxritlu l-qoxra. Dan il-cable ikollhu *fildiferro* imbaghad r-ramm ikun fuq gewwa. *"Qaxxru l-iskin ta'*

[12] Fol.53
[13] Fol.54
[14] Fol.376
[15] Fol.83-Dok. KP2
[16] Fol.79
[17] Dok.KP6, fol.94-96 fejn hemm stima ta' €25,156.00, kif ikkonfermata minn Gioacchino Calleja a fol.97

*barra, kif jaqtghuha l-bicca iqaxxru l-iskin, inehhu l-fildiferru hadid, u ovvjament jiehdu r-ramm. U din…kienet diga qed issir."*[18]

Ellul jghid li l-cable ma kienx jintuza ta' kuljum u ghalhekk tpogga f'post fejn ma jkunx fis-saqajn. Kien ghalhekk li ma ndunawx mill-ewwel li kien qed jinsteraq. Ix-xhud jghid kif kellu suspett li s-serq kien qed issir ta' kuljum mill-istess post u ddecida li filwaqt li l-pulizija joqghodu fuq in-naha ta' barra tal-post, minfejn kien gie suspettat li qed jidhlu, hu jibqa fuq gewwa, *"Ghidtilhom intom oqghodu hemmhekk..u jekk qieghed gewwa jien ha ngerxu min-naha l-ohra u ha jaqbez fuqkhom, u hekk gara."*[19] In kontro-ezami izda jiddikjara li hu assuma li kien gara dan u li lil imputat qatt ma rah gol-plant tieghu. Ftit wara meta kien mal-watchman kien ra xi *hacksaws* u talab l-ghajnuna mill-pulizija. Hu maghruf li *hacksaw* hija ghodda li tintuza biex taqta l-metal, kommunament uzata minn 'plumbers' u minn 'electricians' ghall qtugh ta' *conduit.* Ellul ikompli li rega dahal u flimkien mal-pulizija uzaw l-*spotlight* fil-van u bdew ifittxu l-malviventi. Fil-fatt instabu zewgt irgiel mistohbijin gol-haxix li sussegwentement gew arrestati mill-pulizija.[20]

Il-Qorti tirrimarka li kien instab messag mibghut fl-20 ta' Frar, 2013 fuq il-mobile tal-imputat li jghid *"Ha naqbad inhot ta ax qtajt 10 bicit u hanipki biex nohroghom."* Dan il-messagg gie min-numru li kien saved bhala Tesi izda li kien intbghat minn fuq mobile numru **79237327. Mill-atti u senjatament mix-xhieda ta' Mario Zammit jirrizulta li kien hu li baghat dan il-messagg lill-imputat**.[21] Dan in-numru izda jirrizulta registrat that l-isem "Tesi" bhala contact no. #172- fol. 253 fuq ic-cellulari tal-imputat.

Illi **WPS219 Erika Abela** xehdet li meta wasslet fuq il-post sabet lill-imputat hdejn il-grada tal-Elbros. Tikkonferma li *a tempo vergine* l-imputat qal lill-pulizija li *"ma kien qed jaghmel xejn hazin u semma' wkoll li kien ghadu kemm wassal lit-tfajla tieghu f'dawk l-inhawi….imbaghad stqarr…li kien qed josserva ajruplani jinzlu fir-runway u xtaq jarrah mill-vicin minhabba li kien dilettant tal-ajruplani."*[22] Ferm rilevanti hu dak li tixhed dwar il-messaggi li nstabu fuq il-mobile li hi hadet minn fuq l-imputat fejn jirrizulta li Brian Fenech li kien qed jistennihom barra *"beda jghidlu oqghod attent ghax hemm il-pigs, qed iduru l-pigs. Il-pigs ghal pulizija. U beda jaghmillu hafna missed calls biex jurih li hu kien qed jistennihom barra u beda jghidlhom biex ihaffu u l-mobile ta' Gary kien qieghed ghandhi dak il-hin."* Ziedet tghid li l-imputat deher mifxul hafna izda kien ikkopera mal-pulizija mill-ewwel."[23]

Minn analizi tal-mobile tal-imputat dawn il-messaggi w telefonati ma jidhrux u ghalhekk il-Qorti qed tistrieh esklussivament fuq dak li kkonstatat personalment is-Surgent Abela. Jinghad li l il-Qorti ma tarax ghalfejn ghandha tiddubita mix-xhieda tas-Surgent tenut kont li l-*call profile* li ntalab kien biss ikopri l-perijodu

[18] Fol.90
[19] Fol.91
[20] Fol.92
[21] Fol.133 u Fol.135
[22] Fol.99 *a tergo*
[23] Fol.100

bejn l-1 ta' Jannar 2013 u t-**22 ta' Frar, 2013.**[24] Issa fi kliem WPS 219 bdew diehlin dawn it-telefonati u messaggi fil-hin li kienet qed izzomm arrestat lill-imputat sakemm wasal l-Ispettur Pulis. Ma jridx jintnesa li l-imputat kien gie arrestat minn PC539 u PC842 f'xi hin bejn il-**11:15-11:30pm** tat-22 ta' Frar, 2013 u kienet intalbet ghajnuna mill-Ghassa tad-Distrett u fil-fatt kienu sussegwenetment wasslu fuq il-post aktar Pulizija inkluz WPS219 Erika Abela li tghid li t-telefonata ghall-assistenza dahhlet ghal xi l-10.30-11pm.[25] Il-hin tal-11pm hu kkonfermat mill-Current Incident Report[26] kif ukoll minn PC463 Ellul.[27]Dan jimplika minghajr dubbju certu trapass ta' zmien u ghalhekk l-Qorti ma tara ebda inkonsistenza dwar il-fatt li sa' nofs il-lejl tat-22 ta' Frar, 2013, ma jirrizultawx dawn l-imsemmija telefonati u messaggi ghaliex l-imputat baqa jigi mghassess mis-Surgenta sa ferm wara li beda l-jum tat-***23 ta' Frar, 2013, liema jum ma giex inkluz fit-talba ghal logs lis-service providers li saret mill-prosekuzzjoni***. Evidenza ta' dan hu l-fatt li Pulis jghid li wasal fuq il-post ghal xi 12:30am-1am[28] u ghalhekk meta qaleb il-jum ghat-23 ta' Frar, 2013, li kien precizamentil-jum meta gie arrestat ukoll Brian Fenech[29] li kien hu li beda jibghat messaggi u jaghmel il-missed calls li tirreferi ghalihom WPS Abela. Certament dawn ghamilhom qabel ma gie arrestat!! Pulis ikompli li meta wasal fuq il-post sab li l-persuni kollha kienu diga gew arrestati filwaqt li l-imputat jammetti li kien ghamel hin konsiderevoli mas-Surgent ghaliex jghid li l-Ispettur kien was *"hafna iktar wara"*[30] u fl-ahhar jghid li l-ewwel darba li ra lill-Ispettur *"Kont diga' arrestat u sahanitra mhux diga' kont arrestat kienu diga' qabdu lill-ohrajn ....".*[31] Dan kollu qed jigi rilevat sabiex jintwera li ma hemm l-ebda lok ghal xi dubbju dwar il-veracita` o meno tas-Surgent Abela, liema xhieda ma thalli ebda dubbju dwar l-involviment attiv tal-imputat fit-tentattiv ta' serq li sehh tard fil-lejl tat-22 ta' Frar, 2013!

Illi **PC463 Christopher Ellul** xehed kif kien dahal fil-plant ma wiehed mis-sidien taghha u peress li raw iktar minn sega wahda kien gie suspett li kien hemm iktar minn persuna wahda involuta. Ghalhekk kienu daru l-akkwati u ftit wara nstabu Zammit u Azzopardi mistohbijin.[32]

Illi **Ronald Azzopardi** li aktar kmieni f'dawn il-procedimenti kien irregistra ammissjoni ghall-akkuzi migjuba kontrih, xehed li lill-imputat kien jafu ghax joqghodu qrib xulxin filwaqt li qal li Mifsud ma kellhu ebda rwol f'dak li gara. Dan spjega kif kien cempillu Mario Zammit u qallu biex immur mieghu jaqtaw ir-ramm. Jghid li kienet l-ewwel darba li ghamlu hekk; il-post kien jaf bih Zammit li kien anke ftiehem ma persuna ohra sabiex jinzlu lura peress li kienu marru b'tal-linja mill-Belt. Jghid izda li l-persuna li kellha tmur ghalihom ma marritx *"Ghax hu kellu jigi f'tali hi[n], skorriet dik il-hin, xis-siegha u nofs u baqa' ma giex."*[33]. Jghid

[24] Vide fol.351-358.
[25] Fol.99
[26] Fol.103
[27] Fol.105
[28] Fol.386
[29] Fol.146
[30] Fol.406
[31] Fol.413
[32] Fol.105 a tergo
[33] Fol.121

li kien cempillu l-imputat ghal xi numru ta' xi hadd relattat mal-abbuz tad-droga u Zammit hadlu l-mobile u ftiehm mieghu biex jaghtihom *lift.* Dwar il-kliem li Zammit qal lill-imputat ma jkunx preciz ghax jghid li ma kienux fejn xulxin. Dan ma jaghmilx sens meta fi kliemu stess ftit sekondi qabel xehed li Zammit kien hadlu l-mobile minn idu! Dak li jghid Azzopardi jikkontrasta ma dak li kien qal **l-imputat fl-istqarrija tieghu meta qal li kien cempel lil Azzopardi xi 9.30pm.**[34] Irid jigi mfakkar li l-pulizija li kienu qed jaghmlu osservazzjoni xehdu li kienu xi **11.10pm meta raw lill-imputat**.[35]

Illi **Mario Zammit** ukoll ha l-pedana tax-xhieda. Qal li kien mifthiem ma Brian Fenech li kellu jigbor lilu u lil Azzopardi mill-Elbros fejn marru jaqtaw ir-ramm. Wara li ghaddew qisu *"siegha saghtejn"* cempel l-imputat lil Azzopardi. Jikkonferma li ha l-mobile ta' Zammit u ftiehem mal-imputat, permezz ta' diversi telefonati, fejn kellu jmur ghalihom. Jghid li hekk kif hareg l-ewwel pipe wasslu l-pulizija.[36] Jinsisti li l-imputat ma saqsiehx x'kien qed jaghmel fil-post in kwistjoni u li kien biss meta rah mit-toqba *li "induna li qed nohrog il-pajpijiet."*[37] Dan ma jaghmilx sens ghaliex hemm ix-xhieda ta' PC842 u PC589 li raw lill-imputat **niezel minn mal-hajt** izda aktar importanti ix-xhieda ta' Ellul li gharrfu gewwa l-plant!![38] Zammit kompla li kien ga mar jisraq ir-ramm darbtejn ohra u li kienu hu u Ronnie *"Iva konna jien u Ronald…Inzilna lura b'tal-linja."* Dan jikkontrasta bil-qawwa ma dak li xehed Roanld Azzopardi meta qal li kienet l-ewwel darba li kien mar ma Zammit jaqta ir-ramm izda jikkorobora l-messagg misjub fuq il-mobile ta' Gary Mifsud meta jghidlu li qed jaqta xi bicciet!! Ghalhekk il-Qorti zgur ma ghandhiex temmen dak li stqarr Azzopardi inlkuz dwar in-nuqqas ta' involvement tal-imputat!

Huwa ferm importanti ghall-finijiet tal-konsapevolezza o meno tal-imputat dak li jixhed Zammit meta mistoqsi jekk fi drabi precedenti kienx mar jghinhom Gary Mifsud: *"Le ma kienx ghinna,….**Cempilt lil Gary ghidtlu biex jigi ghalija ghax qtajt ghaxar bicciet u ha nibki biex nohroghom. U spicca ma giex ghalija."**[39]* Terga issir riferenza ghal messagg misjub fuq il-mobile tal-imputat li kien jghid: *"Ha naqbad inhot ta ax qtajt 10 bicit u hanipki biex nohroghom.[40]"*- messagg li ntbghat fis-sahra tal-lejl, fil-23:45hrs tal-20 ta' Frar, 2013, jumejn qabel ma gew arrestati. Dan il-messagg jidher a fol.320 fir-relazzjoni Dok. KP11[41] ***Altru li l-imputat kien jaf x'kienu qed jaghmlu il-hbieb tieghu gewwa l-plant tal-Elbros.*** Dakinhar 20 ta' Frar, 2013, jidher li ma kienx ta widen ghal Zammit, izda mill-provi migbura il-Qorti temmen li jumejn wara, forsi ghax kif qal hu fl-istqarrija minn tieghu kien bzonn il-flus, accetta u mar jghin lil shabu fis-serqa li kienu ppjanaw li jaghmlu. Zammit ikompli li l-mohh wara dan is-serq kien Brian Fenech, li kellu jmur jigborohom.[42] **Jikkonferma li l-imputat kien jaf ben tajjeb x'kienu qed jaghmlu** ghax dwar jekk Mifsud ghenhomx fil-passat jghid *"Le, le cempiltlu*

---

[34] Fol.84
[35] Fol.45 per PC589 u Fol.53 (11.15pm) per PC842
[36] Fol.129
[37] Fol.130. In kontro-ezami jirrepeti li l-ewwel darba li ra lill-imputat kien *"minn go toqba fil-hajt,zewg sulari gholi dan il-hajt."* - fol.138
[38] Fol.91
[39] Fol.133
[40] Fol.135
[41] Fol.172 et seq.
[42] Fol.135

*biex jigi ghalija, kif ergajt ghidt,* ***cempiltlu hafna drabi, sa bghattlu messagg, ghidtlu inti gej ghax ghandhi ghaxar bicciet u ha nibki biex nohroghom. Fil-fatt imbaghad ma giex ghalija."*** [43] Messagg li rcieva l-imputat nhar l-20 ta' Frar, 2013, fil-11:45:48pm[44] u li kien precedut minn messaggi ohra minn Zammit lill-imputat sabiex immur ghalih.[45]

Illi **Brian Fenech** kkonferma li kien gie sentenzjat fuq serq ta' cable mill-Elbros plant u li ma kienitx l-ewwel darba li mar jisraq minn hemm izda mhux mal-imputat. Ghall-ewwel jinnega li kien jaf x'kien qed issehh fil-lejl in kwistjoni u li kien mifthiem immur jippikjahom izda wara li mwissi mill-qorti jammetti li hekk kien il-kaz.[46]

Illi saret analizi tal-mobile phones esbiti mill-prosekuzzjoni li jappartjeni lil Ronald Azzopardi (IMEI No. 354870 04 635399 9 bin-numru 79815128) u lill-imputat (Vide IMEI no. 356865 02 762026 5 bin-numru 79963305 -Fol.79). Il-Qorti ser tghaddi biex tanalizza ir-rizultanzi miksuba wara li gew analizzati diversi mobiles.

*Il-mobile ta' Ronald Azzopardi:*
Illi mill-mobile ta' Ronald Azzopardi, Dok. KP4 jirrizulta li l-imputat hu registrat bhala <u>*"Gery ta Lestejd"* bin-numru 79963305</u> u dak ta' Mario Zammit hekk kif jindika il-Current Incident Report bhala *"Marju Estejd 98114203"* u *"Marju Dar Estejd 27800566".*[47] Kif ammetta Mario Zammit stess hu kien baghat messagg li origina minn cellulari bin-numru 79237327.[48] **Dan in-numru izda jirrizulta registrat taht l-isem "Tesi" bhala contact no. #172- fol. 253 fuq ic-cellulari tal-imputat**. Mill-atti irrizulta li l-imputata kien joqghod f'Estate u ghalhekk mhemmx dubbju li 'Lestejd' u 'Estejd' jirrferu ghal din il-binja.

Interessanti hu in-numru elenkat bhala <u>#55 "Ta Ram"</u> li sfortunatament ma jirrizultax li saret x'investigazzjoni fuqu. L-imputat baghat messagg lil Azzopardi fil-21/02/2013 fil-5:13:16 pm, lejliet meta gew arrestati, *"Ron int adek fej Mario ax nahseb irangajt xihaga bix ilum ma jmurx u ada nah***ilu.ima tridu tejduli imorux ada jew le alek lil <u>gof</u> ukol"*[49] u fil-5:51:43pm *"Ron jek tridu isa inzlu mijaj"*[50] <u>Dawn il-messaggi jikkorispondu ma dawk misjuba bhala "sent" minn fuq ic-cellulari tal-imputat fis-6:14:23 pm u 6:52:51pm.</u>[51]

*Il-mobile tal-imputat:*
Analizi tal-mobile tal-imputat bl-IME 356865 02 762026 5, KP5, jizvela li Mario Zammit (kif inghad jammetti li baghat messaggi bin-numru li iddentifikat il-pulizija u cioe` 79237327[52]) **ghal xi raguni kien registrat taht isem "Tesi**

---

[43] Ibid.
[44] Fol.320
[45] Fol.320
[46] Fol.149
[47] Fol.178.Prezumibilment kellha tinqara *"Tal-Estate"* peress li kif jixhed Fenech Gary kien joqghod fl-istess blokka tieghu- fol.149
[48] Fol.133 u Fol.135
[49] Fol.201
[50] Fol.202
[51] Fol.319
[52] Fol.133 u 135 fejn jammetti li baghat dak il-messagg.

**79237327"** bhala contact no. #172.[53] B'dan jidher li Zammit u l-imputat kienu jikkuntatjaw lil *xulxin anke b'dan in-numru, 79237327, u mhux biss bin-numru li insab registrat bhala "Marju Estejd 98114203" u "Marju Dar Estejd 27800566".*[54] fuq ic-cellulari ta' Ronald Azzopardi.[55] Ronald Azzopardi hu registrat ukoll bhala "Ronald 79815128"[56] u jidher ukoll registrat certu "Brian Xlukajr 99286708" li mill-Current Incident Report jirrizulta li hu n-numru ta' Brian Fenech li ukoll kien gie arrestat in konnessjoni mal-kaz odjern fejn kien anke ammetta l-involviment tieghu.[57]. Anke l-isem ta certu "gof" jirrizulta lil min jappartjeni meta wiehed isib registrat certu **"Gof Home 27800566"[58] u "Tessie Gof 98114203"[59] li kif intqal fuq ic-cellulari ta' Ronald Azzopardi dawn in-numri huma registrati fuq had ghajr "Marju Estejd 98114203" u "Marju Dar Estejd 27800566".[60]** Issa hekk kif wiehed jara l-informazzjoni fil-Current Incident Report dan l-istess numru, 27800566, ma hu xejn ghajr dak tar-residenza tal-istess Mario Zammit filwaqt li dak imnizzel fil-contacts bhala "Tessie Goff-98114203"[61] jappartjeni lill-istess Mario Zammit[62]. **Mario Zammit ghalhekk jirrizulta li kien il-persuna li kienet registrata mill-imputat bhala 'Gof', 'Tessie Goff' u 'Tesi'.** Zammit darbtejn ikkonferma li kien baghat messagg lill-imputat fejn qallu li kien qed issib diffikulta` biex johrog bicciet [tar-ram] li kien qatta' fejn sahansitra juza kliem preciz *"ha nibki biex nohroghom"* fi-xhieda tigehu[63] li jirrispekjaw il-kliem li baghat fil-messag tieghu. Dan il-messagg kien wasal ghand l-imputat minn fuq il-mobile registrat that Tesi fil-11:45:48pm.[64]

Illi kien hemm numru ta' telefonati bejn l-imputat u Tesi (Zammit) kif ukoll ma Brian Fenech fejn uhud minnhom saru tard bil-lejl jew anke fis-sighat bikrin ta' filghodu partikolarment fl-20 ta' Frar, 2013.[65] Wahedhom dawn it-telefonati ma jfissru xejn izda mehuda fil-kuntest tal-fatt li kif gie ammess anke minn Fenech u Zammit[66], is-serq kien ilu ghaddej ghal xi zmien, jassumu importanza. Dan jinghad in vista tad-diversi messaggi li intbaghatu mill-imputat fid-19 ta' Frar, 2013, lil Ronald Azzopardi, lil Brian Fenech (Xlukajr)[67] u dawk li rcieva minn Mario Zammit (alias Tesi).[68] Jirrizulta li l-imputat kien qed jorganizza dak li kellhom jaghmlu l-ghada (20/02/2013 – wiehed iffakkar li l-akkuzi jirrissalu ghat-22/02/2013 u l-gimghat ta' qabel) u jibghat messaggi sabiex l-ghada hu flimkien ma Zammit u Azzopardi inizzel lit-tnejn l-ohra minn xi post bil-vettura tieghu u sahansitra jghid lil Fenech *"Ija trid imoru. U insihom tal kar.50/50"* (6:29:15pm) u

---

[53] Fol.253
[54] Fol.178.Kif gja ntqal dan kellu jinqara bhala *"Tal-Estate"* peress li kif jixhed Fenech Gary kien joqghod fl-istess blokka tieghu- fol.149
[55] Fol. 178
[56] Fol.253
[57] Fol.103
[58] Fol.251
[59] Fol.253
[60] Fol.178
[61] Fol.253
[62] Vide Pirs fol. 102
[63] Fol.133 u 135
[64] Fol.320
[65] Fol.260
[66] *"Mort darbtejn naqta' r-ramm"*- fol.131
[67] Fol.319
[68] Fol.320

tlett minuti wara jerga' *"Ok. Narak bri.ergajt batlek mux bix nifitak ax hsibtek haba il kar. Ok umbad naraw ada narak"* (6:32:46pm) u lil Azzopardi *"Ron jek tridu ninzel isa inzlu mijaj"* (6:52:51pm).[69] Nhar l-20 ta' Frar, 2013, Zammit baghat diversi messaggi lill-imputat bejn id-9:42:19pm;[70] 10:21:27 u 11:45:48 fejn jirrizulta bic-cjar li kien qed jistennih ghalkemm ma jirrizultax li mar. Li jirrizulta hu li certament l-imputat ma setax jghid li ma kienx jaf dak li kien qed issir minn Zammit u dan peress li l-kliem uzat minn Fenech u cioe` li kien ser jaqbad ihott ghax qatta 10 bicciet li kien ser ikollu diffikulta` johroghom[71]**ftit ihallu dubbji li ma kienx qed jirreferi ghal droga kif jallega l-imputat fil-kors tax-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti!** Fit-22 ta' Frar, 2013 fil-11:26:12 u 11:53:13 Fenech jibghat messagi lill-imputat fejn jinfurmah li kien gej fit-triq filwaqt li jilmenta li l-imputat ma kienx qed iwegbu.[72] Dan il-hin jikkoincidi mal-hin li l-imputat kien gie arrestat!

L-imputat ghazel li jixhed u ddikjara li hu kien id-dar [Zabbar] jistenna li jibda Xarabank meta cempel lil siehbu Ronald Azzopardi.[73] **Fl-istqarrija minn tieghu izda l-imputat jghid li cemepl lil Ronald Azzopardi fid-9:30pm**. Jghid li cempillu sabiex igib numru ta' persuna li setghet tbiehlu d-droga izda Azzopardi talbu sabiex immur ghalih u ghal Zammit. Jghid li qalulu li kienu hdejn l-SGS u li kien rega cempel ghal struzzjonijiet minn fejn kellhu jigborohom. Ma setax isib il-post u iddecieda li jipparjka fejn kien hemm *parking spaces*[74] ghalkemm wara jghid li pparkja *"quddiem garaxx"*[75]*;* minn hawn bdew ituh direzzjonijiet fejn kellu jmur.[76] L-imputat jichad li qabez ic-cint u sahansitra jallega li l-pulizija li stqarrew dan kienu qed jigdbu.[77] *Jghid li ipparkja madwar mil minn fejn gara l-kaz. Izda jekk kien intqal lilu li kellu jigborohom minn hdejn l-SGS x'kien l-iskop li wiehed jipparkja daqshekk il-boghod?* Fil-fatt issib diffikulta` jaghti spjegazzjoni logika u li ghandha mis-sewwa ghaliex galadarba kellu jiltaqa maghhom vicin l-SGS ghazel li jipparkja l-boghod, jiltaqa' maghhom u wara jimxuha lejn il-vettura.[78]

Mid-dokument esebit a fol. 360 izda jirrizulta li saret telefonata lil Azzopardi fit-20:02:53 kif ukoll ohra fil-21:49:10 li giet segwita b'4 telefonati ohra f'temp ta' 30 minuta! Jinghad izda li meta cempel fit-20:02:53 l-imputat ma kienx Haz-Zabbar izda il-Fgura (vide *Cell Name*). Kien Zabbar fit-21:49:10 ferm wara li beda Xarabank! Dan jaqbel ma dak li stqarr fl-istqarrija, izda jekk fi kliem l-imputat hu kien iwassal lil Mario kullimkien ghax kien qisu huh ghaliex halla jiskorru kwazi saghtejn minn meta cempel lil Azzopardi (jghid kien qed jistenna li jibda Xarabank!)? Fil-22:15 kien Bulebel u zewg minuti wara kien Haz-Zabbar. Jidher li kien **wasal il-Gudja 11 il-minuta wara fil-22:38-22:29.[79]** Dawn il-hinijiet u l-lokalitajiet fejn gie intercettat permezz ta' *localization* registrta mis-service

[69] Fol.319
[70] Fol.321
[71] Messagg riecvut mill-imputat 11:45:48pm – fol.320
[72] Fol.322
[73] Fol.401
[74] Fol.401
[75] Fol.403
[76] Fol.401
[77] Fol.408
[78] Fol.441
[79] Fol.360

providers huma indikativi li l-imputat ma marx direttament ghal siehbu meta dan, kif jallega, talbu jmur ghalih. Jekk wiehed iqis li hu minnu li meta cempillu kien qieghed id-dar jistenna li jibda Xarabank, il-log turi bic-cjar li meta cempillu kienu saru kwazi l-10pm! Biss biss sal-22:17:03 l-imputat kien ghadu Haz-Zabbar! Allura kellhu jigborohom f'xi hin partikolari ghaliex la Zammit u lanqas Azzopardi ma jindikaw li kienu fthemu ghall-iktar tard anzi jghidu li peress li kienu ilhom jistennew lil Fenech li suppost kellu jigborohom hu, kienu talbu lill-imputat biex imur ghalihom hu.

Mill-atti processwali il-Qorti ma ghandha l-ebda ombra ta' dubbju dwar dak li xehedu l-Pulizija li arrestaw lill-imputat dwar li huma **rawh niezel mal-hajt**. Il-provi cirkostanzjali li gja saret riferenza ampja ghalihom lanqas ma jhallu dubbju li l-imputat kien ben konxxju ta' dak mistenni minnu fil-lejl tat-22 ta' Frar, 2013. Mhux l-istess jista' jinghad ghal dak li sehh qabel din id-data minkejja li hu ferm probabbli izda mhux lil hinn minn dubbju dettat mir-raguni, li l-imputat kien kompartecipi f'dan is-serq ukoll. Ghalhekk mill-provi akkwiziti qed tinstab htija biss rigward t-tentattiv ta' serq li sehh fid-data tat-22 ta Frar, 2013 filwaqt li qed jigi liberat mill-akkuzi l-ohra kollha.

Illi dwar il-piena ghalkemm kienet giet irtirata l-akkuza dwar ir-recidiva jirrizulta mill-atti li l-imputat mhux xi *first-time offender.* Fil-fatt mis-sentenza esebita jirrizulta illi r-reati mwettqa fl-2012 serq ta' cables minn gewwa l-power station li hemm fil-Qasam Industrijali ta' Kordin kienu saru flimkien ma certu Mario Zammit.[80] Ghalhekk wara li rat ukoll il-fedina penali tal-imputat u hadet in konsiderazzjoni dak li xehdet Vicky Scicluna u cioe` li mill-2014 l-imputat qaleb folja gdida u wera li serjament kien qed jiggieled kontra l-passat u hbiberiji li kellhu kif ukoll kien irnexxilu jinheles mill-vizzju tad-droga li kien hakkmu, tqis li piena karcerarja ma tkunx wahda idoneja.

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 17, 31, 41(1)(a), 261(c)(f), 267, 270, 279(b), 280(1) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal sbatax il-xahar prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal sentejn.

Inoltre' ai termini tal-Artikolu 28G(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tpoggi lill-hati taht ordni ta' Supervizjoni ghal zmien sentejn u flimkien ma' din is-sentenza qieghda tannetti d-digriet dwar dan l-Ordni u tiddikjara illi dan l-Ordni ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**

[80] Verbal fol.145

**Magistrat**